# Uffiċċju tal-Patt tas-Sindki Ewropew – Rapport ta' Attività 2019

*Daħla mill-Kummissarju Ewropew għall-Enerġija Kadri Simson*



(© European Union, 2019 / Source: EC -Audiovisual Service)

"Li nagħmlu l-Ewropa l-ewwel kontinent b'impatt newtrali għall-klima sal-2050 hija waħda mill-ambizzjonijiet ewlenin tagħna bħala l-Kummissjoni Ewropea l-ġdida. Dan ifisser mhux biss li nindirizzaw il-kriżi tal-klima, iżda wkoll li niżguraw il-ġustizzja soċjali, l-iżvilupp ekonomiku, u l-benesseri għaċ-ċittadini kollha Ewropej.

M'għadx għandna l-lussu taż-żmien. Il-Kummissjoni quddiemna ħadmet ħafna biex tibni l-qafas leġiżlattiv meħtieġ li se jippermettina nagħmlu t-tranżizzjoni għal sistema ta' enerġija nadifa u ġusta. Issa, il-missjoni tagħna hija li nwettqu dan kollu. Għalhekk, jeħtieġ li nilħqu liċ-ċittadini Ewropej u lill-gvernijiet u l-istituzzjonijiet li jservuhom. Jeħtieġ li naħdmu b'mod miftuħ, inklużiv u kooperattiv.

Il-moviment tal-Patt tas-Sindki Ewropew huwa eżempju eċċellenti ta' dan l-approċċ inklużiv u kooperattiv. Għal 'il fuq minn għaxar snin, il-gvernijiet lokali madwar l-Ewropa kienu qed jieħdu volontarjament impenji ambizzjużi li jbiddlu f'azzjoni lokali. Il-moviment issa jiġbor iktar minn 9,200 belt u raħal firmatarju, ta' kull daqs u reġjun. Il-miri medji tagħhom ta' tnaqqis ta' emissjonijiet ta' $CO_2$ għall-2020 u l-2030 huma ogħla mill-miri tal-UE, u ħafna minnhom diġà żviluppaw strateġiji biex jiksbu newtralità klimatika sal-2050 – kultant anke qabel minn hekk.

It-tranżizzjoni enerġetika tmur lil hinn mill-enerġija rinnovabbli jew teknoloġiji kbar: din hija dwar l-użu intelliġenti tar-riżorsi, filwaqt li jiġu msaħħa d-demokrazija u l-benesseri fl-Ewropa. L-ibliet u l-irħula huma fejn dawn l-affarijiet kollha jiġu flimkien.

Covenant of Mayors
for Climate & Energy

Sabiex insiru l-ewwel kontinent b’impatt newtrali għall-klima sal-2050, neħtieġu pijunieri li se jwittu t-triq. Jiena kburija u grata li qed naħdem ma’ dawk il-partijiet interessati tal-Patt tas-Sindki ambizzjużi u ispiranti li diġà wrew li flimkien nistgħu niksbu l-ambizzjonijiet tagħna.
Għall-2020, nixtieq li kollha kemm aħna jkollna tranżizzjoni għall-enerġija nadifa li hija ġusta u demokratika!”